**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR TAT- TLIETA 13 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 1137/01 AE**

**Theresa Bugeja**

**Vs**

**Raymond u Filomena konjugi Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm222), in kwantu ghal mitejn u sbatax-il lira Maltija (Lm217) prezz ta' ikel ghall-party tal-precett u hames liri Maltin (Lm5) bhala bank charges li l-attrici hallset b'konsegwenza li c-cekk moghti lilha mill-konvenutai ghall-hlas ta' mitejn u sbatax-il lira Maltija (Lm217), ma giex onorat mill-bank.

Semgha lill-attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ma deherux fis-seduti tad-9 ta' Novembru 2001 u tat-13 ta' Novembru 2001, u lanqas ma pprezentaw risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm222) kif fuq deskritt. Bl-imghax mid-data tal-prezentat ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kif mitluba jkunu ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**